# Knejjes u Devozzjonijiet f'ġieħ Santa Katarina V.M.

**Is-Sur Frans Zahra**

Nibda biex ngħid li Papa Ġwanni XXII, il-mija sitta u disgħin suċċessur ta' San Pietru, li mexxa 'l-knisja Kattolika Appostolika Rumana mis-sena 1316 sas-sena 1334, kien strumentali biex il-kult u perkonsegwenza d-devozzjoni lejn il-qaddisa Lixandrina Katarina Verġni u Martri, mil-Lvant daħlet fil-Punent.

Jekk niġu għall-gżejjer tagħna Malta u Għawdex, sa mis-sena 1090 meta ġie Malta l-konti Ruġġieru, lill-katidral ta' Malta għanieh b'ħafna raba u artijiet. Fost id-dinjitarji li waqqaf hemm insibu dik tal-Kantur u l-artijiet relatati mal-Kantur fiż-Żejtun. Dawn huma magħrufa bħala, "il-Prebenda ta' Santa Katarina".

Fl-inventarju dwar il-benefiċji tal-knejjes u l-kappelli f'Malta li kien għamel l-isqof Senatore Di Mello fl-1436, insibu li kien hawn diġa' għaxar parroċċi li tnejn minnhom, dik taż-Żejtun u dik taż-Żurrieq kienu ddedikati lil Santa Katarina. Taż-Żejtun kienet knisja żgħira li maż-żmien tkabbret. Il-knisja kienet dik li llum magħrufa bħala ta' San Girgor, fil-fatt din kienet l-ewwel parroċċa.

Mill-banda l-oħra, fil-viżita pastorali tal-1575, li Mons. Pietro Duzzina għamel fil-gżejjer Maltin, ħalla miktub li kull nhar ta' Tnejn, ħafna Maltin kienu jmorru minn Malta kollha fil-knisja ta' Santa Katarina biex iwettqu l-wegħdi tagħhom. Matul l-istess viżita, Mons Duzzina sab bosta knejjes u kappelli li kienu dedikati lil Santa Katarina.

Fostom insibu dik fir-Rabat Malta msejħa "Tad-Daħla", li sal-lum għada ssir festa f'ġieħ Santa Katarina. Ġo B'Kara, knisja mibnija bi flus ċertu Leonardu Tonna, fl-1571, fejn Santa Katarina kellha co patrun lil Sant'Antnin. Fl-Imqabba kien hemm żewġ kappelli dedikati lil San Pietru u Santa Katarina. Fil-Qrendi, fin-naħa msejħa "Tat-Torba", li meta nbniet l-ewwel darba kienet magħrufa bħala "Bieb iż-Żejtunija" ukoll insibu knisja dedikata lil Santa Katarina. Ċertu Beneditt Camilleri fl-1626 bena l-knisja li nsibu illum, ftit 'il bogħod mill-knisja l-qadima. Hu ddotha b'renti msejħa "Ta' Wied Ħofra".

Fin-Naxxar insibu kappella ħelwa ddedikata lil Santa Katarina fl-inħawi msejħa ta' "Wied il-Għasel". Din ġiet mibnija fl-1608 u jingħad li

**Ikompli...**

nbniet fl-istess post fejn qabel kien hemm waħda iżgħar, probabilment dik li kien żar Mons. Duzzina fl-1575. Fil-limiti tal-Għargħur kien hemm knisja dedikata lil Santa Katarina msejħa "Tax-Xwejki". Fit-triq ewlenija hekk kif tidħol il-Gudja fuq ix-xellug hemm knisja żgħira f'ġieħ Santa Katarina wkoll. Dik attwali nbniet fl-1661. F'Ħal Qormi nsibu oħra mibnija mill-ġdid fl-1696. Ta' qabilha tissemma fir-rapport ta' Mons. Duzzina.

Fir-rapport tiegħu Mons Duzzina jsemmi knejjes oħra fostom fis-Siġġiewi, fil-Mellieħa u l-Birgu. Ġieli smajtu bir-raħal ta' Ħal Lew, li kien jiġi bejn iż-Żurrieq u l-Qrendi? Hawn ukoll kien hemm knisja żgħira dedikata lil Santa Katarina. Fil-belt Valletta ma ninsewx ukoll li għandna knisja oħra magħrufa bħala *Catarina d' Italia* mibnija mill-Kavallieri ta' San Ġwann.

Fil-Gżira ta' tliet għoljiet fl-inħawi magħrufa bħala "Ta' Cabeża", bejn Kerċem u Santa Lucia kien hemm ukoll knisja dedikata lil Santa Katarina.

Dawn il-knejjes kollha mifruxa fil-gżejjer tagħna huma xhieda tad-devozzjoni qawwija li l-Maltin u l-Għawdxin kellhom u għad għandhom lejn Santa Katarina.

TONI'S
wines & spirits
**Toni's Wines and Spirits,**
Triq il-Qaliet, Marsaskala. MSK 3313 Malta
**T** (+356) 2163 2652
**M** (+356) 9942 3868
**E** toni@toniswines.com